Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/2173(DEC)

14.12.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2173(DEC))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Michal Wiezik

WERREJ

Paġna

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 7

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2173(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta'... Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0000/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għall-korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmijin fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-

[1] ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.
[2] ĠU C, C/2023/112, 12.10.2023.
[3] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[4] ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022 / Jiddifferixxi d-Deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

[5] ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2173(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0000/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għall-korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmijin fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5],

---

[1] ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.
[2] ĠU C, C/2023/112, 12.10.2023.
[3] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[4] ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17.
[5] ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2022 / Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2173(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

A. billi l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CA), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Novembru 2021 fil-qafas tal-programm Orizzont Ewropa għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2031[1]; billi s-CA JU ssostitwiet u ssuċċediet l-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta fl-Ajrunawtika, li ġiet stabbilit f'Diċembru 2007 fil-qafas tas-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka (FP7) għal perjodu ta' għaxar snin[2] (Clean Sky 1) u ġiet estiża f'Mejju 2014 fil-qafas tal-programm Orizzont 2020 għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024[3] (Clean Sky 2);

B. billi s-CA JU hija sħubija pubblika-privata b'enfasi fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni għat-trasformazzjoni tal-avjazzjoni lejn futur sostenibbli u newtrali għall-klima; billi l-membri fundaturi tagħha huma l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u l-organizzazzjonijiet mis-settur tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I tal-Att Bażiku Uniku[4]; billi, barra minn hekk, is-CA JU għandha membri assoċjati magħżula permezz ta' sejħiet għal espressjoni ta' interess;

C. billi biex tiżdied it-trasparenza, l-Impriża Konġunta għandha tiddivulga, fil-kontijiet annwali tagħha, informazzjoni rilevanti rigward il-kontribuzzjonijiet tal-membri fil-livell tal-programm; billi, għal kull programm li fil-qafas tiegħu jkunu joperaw, l-Impriża Konġunta għandha tippreżenta għal kull kategorija ta' membri sa tmiem is-sena, l-informazzjoni rilevanti kollha, inklużi l-miri tal-kontribuzzjonijiet legali li jiġu stabbiliti għall-programm rispettiv, il-volum ta' kontribuzzjonijiet li jiġu riċevuti, u l-volum ta' impenji legali;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.
[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2007 li jistabbilixxi l-Clean Sky 1 JU.
[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 li jistabbilixxi l-Clean Sky 2 JU.
[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

1. Jinnota mir-rapport tal-Qrati tal-Awdituri (ir-"rapport tal-Qorti") li l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2021, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni; jinnota li t-tranżazzjonijiet ta' bażi għall-kontijiet huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

2. Jinnota li l-baġit finali disponibbli tal-Impriża Konġunta għall-2022 (li jinkludi approprjazzjonijiet mhux użati li ddaħħlu mill-ġdid ta' snin preċedenti, dħul assenjat u riallokazzjonijiet għas-sena sussegwenti) kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 411,2-il miljun (EUR 182,6 miljun fl-2021) u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 415,3-il miljun (EUR 189,9 miljun fl-2021);

3. Jinnota li l l-bidliet fid-daqs tal-baġit tal-Impriża Konġunta fil-biċċa l-kbira jiddependu mill-fażi ta' implimentazzjoni tal-programmi pluriennali ta' riċerka u innovazzjoni; jinnota li, fl-2022, l-Impriża Konġunta bdiet bl-implimentazzjoni tal-programm Orizzont Ewropa u li, għalhekk, il-baġit tal-2022 jinkludi l-baġit ta' impenn għall-ewwel sejħiet ta' Orizzont Ewropa ppjanati għall-2022, u l-baġit ta' pagament għall-pagamenti ta' prefinanzjament relatati;

4. Jinnota li fil-kontijiet annwali tagħha għall-2022, l-ammonti tal-kontribuzzjonijiet rikonoxxuti għal kull kategorija ta' membri (l-UE u l-membri privati) ivarjaw sinifikattivament minn xulxin; jinnota li dan minħabba li l-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mill-UE jiġu vvalidati u rikonoxxuti meta jitħallsu lill-Impriża Konġunta fil-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġett, iżda l-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri jiġu rikonoxxuti biss wara l-validazzjoni tal-ispejjeż li jiġġarrbu u li jiġu ddikjarati għall-implimentazzjoni tal-proġett; jinnota li l-Qorti tikkunsidra li d-differenza bejn l-ammont rikonoxxut ta' kontribuzzjonijiet fi flus kontanti min-naħa l-waħda u kontribuzzjonijiet *in natura* min-naħa l-oħra ma ġietx indirizzata bl-aqwa mod fil-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għall-2022, billi ma ġietx ipprovduta informazzjoni dwar l-impenji legali tal-membri tal-Impriża Konġunta fi tmiem is-sena;

5. Jinnota, fir-rigward tal-programm Orizzont 2020, li, fi tmiem l-2022, l-Impriża Konġunta impenjat bis-sħiħ EUR 1 716-il miljun mill-kontribuzzjoni operattiva massima tal-UE għall-ftehimiet ta' għotja ffirmati fil-qafas tal-programm u li minn dan l-ammont impenjat, madwar EUR 70,1 miljun (jew 4,1 %) għad iridu jitħallsu fis-snin li ġejjin għal proġetti li għad iridu jitlestew; jinnota wkoll li l-membri privati kienu impenjaw ruħhom legalment li jipprovdu kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operattivi tal-Impriża Konġunta ta' EUR 968,3 miljun, u kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali ta' EUR 1 223,1 miljun jew 101,6 % tal-mira minima ta' EUR 2 154,9 miljun; jinnota, barra minn hekk, li dawn l-ammonti impenjati ġew irrappurtati bis-sħiħ fl-aħħar tal-2022;

6. Jinnota li, għall-attivitajiet fil-qafas ta' Orizzont 2020, l-Impriża Konġunta ma rċeviet l-ebda approprjazzjoni ta' impenn operattiva ġdida, billi l-Impriża Konġunta kienet spiċċat l-aħħar sejħa għal proposti tagħha sa tmiem l-2020; jinnota li r-rata ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' pagament operattivi kienet ta' 78 %

(2021: 83 %);

7. Jinnota li għal għadd konsiderevoli ta' proġetti ta' Orizzont 2020 li għadhom għaddejjin, l-attivitajiet tekniċi ġew imdewma jew imnaqqsa minħabba l-COVID-19 u l-gwerra tal-aggressjoni kontra l-Ukrajna, u li, għalhekk, dawn il-proġetti kellhom jiġu emendati jew estiżi u l-pagamenti finali jiġu posposti għall-2023;

8. Jinnota, fir-rigward ta' Orizzont Ewropa, li fl-2022, il-Kummissjoni għamlet kontribuzzjonijiet fi flus ta' EUR 178 miljun u li l-Impriża Konġunta kważi użat bis-sħiħ il-kontribuzzjoni operattiva ta' EUR 176 miljun għall-pagamenti ta' prefinanzjament relatati mal-ewwel ftehimiet ta' għotja konklużi fil-qafas ta' dak il-programm;

9. Jinnota li, fi tmiem l-2022, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-bażit amministrattiv tal-Impriża Konġunta għall-pagamenti (it-Titolu 2) kienet baxxa f'livell ta' 54 %; jinnota li, skont ir-rapport tal-Impriża Konġunta dwar il-ġestjoni bażitarja u finanzjarja, dan kien prinċipalment minħabba s-servizzi tal-IT u tal-komunikazzjoni pprovduti matul l-aħħar tliet xhur tal-2022 u li kellhom jitħallsu fl-2023, u minħabba spejjeż imnaqqsa għas-servizzi li ġew ipprovduti mill-Kummissjoni;

Akkwist u persunal

10. Jinnota, mir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat tas-CA JU għall-2022, li fl-2022, is-CA JU ppubblikat żewġ proċeduri miftuħa ta' sejħiet għall-offerti li l-ewwel waħda minnhom tnediet biex tkopri l-ħtiġijiet tagħha stess u t-tieni waħda tnediet f'isem sitt Impriżi Konġunti bħala sejħa għall-offerti interistituzzjonali (Servizzi tal-IT Ġestiti); jinnota wkoll li, fil-bidu tal-2022, is-CA JU tat u ffirmat ħdax-il kuntratt ta' servizz qafas interistituzzjonali fil-komunikazzjoni bħala riżultat tal-proċedura ta' sejħa miftuħa għall-offerti interistituzzjonali mnedija f'isem tliet Impriżi Konġunti fl-2021;

11. Jinnota li t-tabella tal-persunal tal-Impriża Konġunta għall-2022 kien fiha total ta' 44 membru tal-persunal statutorju (TA, CA u SNE) b'40 pożizzjoni mimlija fi tmiem l-2022; jinnota li ż-żewġ pożizzjonijiet ta' SNEs ma mtlewx minħabba li t-tabella tal-persunal għall-2023 tipprevedi biss 41 pożizzjoni u l-ebda SNE;

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

12. Jinnota li, għan-nefqa fil-qafas ta' Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa, is-Servizz tal-Awditjar Komuni tad-DĠ RTD tal-Kummissjoni wettaq l-awditi *ex post*; jinnota li għan-nefqa fil-qafas ta' Orizzont 2020 (approvazzjonijiet u pagamenti finali), l-Impriża Konġunta rrappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 1,6 % u rata tal-iżball residwu ta' 0,4 %[5] u li għall-programm Orizzont Ewropa, għad iridu jitwettqu awditi *ex post*, peress li l-ewwel pagamenti interim huma mistennija biss fl-2024;

13. Jinnota li biex tivvaluta l-kontrolli tal-pagamenti operattivi tal-Impriża Konġunta, il-Qorti awditjat kampjun aleatorju ta' pagamenti fil-qafas ta' Orizzont 2020 li saru fl-2022, fil-livell tal-benefiċjarji finali[6]; jinnota li, għal każ wieħed, il-Qorti sabet u

[5] Ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat 2022 tas-CA JU; il-Kapitolu 4.1.1.

[6] Għal tranżazzjonijiet ta' pagamenti ta' għotjiet ittestjati fil-livell tal-benefiċjarji, is-soll ta' rappurtar għal żbalji

kkwantifikat żball serju li rriżulta minn spiża tal-persunal mitluba b'mod eċċessiv minħabba li l-benefiċjarju ppreżenta dikjarazzjoni tal-ispiża bbażata fuq spejjeż tal-persunal ibbaġitjati;

14. Jinnota li, fi tmiem l-2022, l-Impriża Konġunta kienet żviluppat u implimentat approċċ sħiħ ibbażat fuq ir-riskju għall-kontrolli *ex ante* f'konformità mal-gwida[7] CIC, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' riskju speċifiċi għall-Impriża Konġunta; jinnota li, għal dan il-fini, l-Impriża Konġunta identifikat il-kriterji tar-riskju l-aktar rilevanti u fasslet, abbażi tagħhom, approċċ ta' monitoraġġ ibbażat fuq ir-riskju; jinnota li dan l-approċċ ippermetta lill-Impriża Konġunta tivvaluta l-livell ta' riskju ta' kull proġett u benefiċjarju matul il-fażijiet prinċipali tal-implimentazzjoni tal-proġett, bħat-tħejjija tal-ftehim ta' għotja, l-emenda tal-ftehim ta' għotja, ir-rapportar, u l-pagament; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-Impriża Konġunta fasslet ukoll linji gwida interni dwar l-approċċ tagħha bbażat fuq ir-riskju, u ħarrġet u ggwidat lill-persunal tagħha dwar l-applikazzjoni xierqa u konsistenti tiegħu;

15. Jinnota li l-analiżi dettaljata mill-Qorti ta' kampjun tal-każijiet ta' monitoraġġ imsaħħaħ tal-Impriża Konġunta żvelat diversi dgħufijiet, li pprevenew il-monitoraġġ effettiv u effiċjenti tagħhom; jinnota li mal-iskadenza tad-data ta' skadenza definita, il-marka ta' monitoraġġ imsaħħaħ la ġiet imġedda u lanqas magħluqa u li l-livell ta' riskju ma ġiex ivvalutat mill-ġdid mill-uffiċjal wara l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' kontroll;

16. Jaqbel mal-Qorti li l-Impriża Konġunta għandha tiżgura li l-azzjonijiet ta' monitoraġġ imsaħħaħ kollha jkunu akkumpanjati minn azzjonijiet ta' kontroll speċifiċi mmirati lejn ir-riskji identifikati, u li dawn jingħatalhom segwitu f'data ta' skadenza predefinita;

17. Jisħaq, kif tagħmel il-Qorti, li l-importanza li l-Impriża Konġunta timplimenta l-approċċ speċifiku tagħha bbażat fuq ir-riskju għall-ġestjoni tal-għotjiet żdied fil-qafas ta' Orizzont Ewropa;

18. Jissottolinja li l-benefiċjarju u/jew l-istruttura tal-proġett tal-Impriża Konġunta qed tinbidel b'mod sinifikanti fil-qafas tal-programm Orizzont Ewropa, bħaż-żieda fl-għadd ta' SMEs, ta' parteċipanti ġodda u konsorzji akbar, kif ukoll ir-rekwiżit li jintużaw biss proċeduri ta' sejħiet miftuħa għall-attivitajiet ta' Orizzont Ewropa u li, b'riżultat ta' dan, il-fatturi ta' riskju identifikati fi programmi preċedenti ma jistgħux jibqgħu rilevanti u jistgħu jitfaċċaw fatturi ta' riskju ġodda;

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

19. Jinnota li l-"osservazzjonijiet" fir-rapporti annwali speċifiċi tal-Impriżi Konġunti huma fil-fatt "rakkomandazzjonijiet mhux f'waqthom" mill-Qorti; jinnota li l-QEA ssegwi kull sena dawk l-osservazzjonijiet billi tivvaluta l-istatus tagħhom bħala "miftuħa" jew "magħluqa";

20. Jinnota li mit-tliet osservazzjonijiet tal-Qorti (waħda fl-2020 u tnejn fl-2022), tnejn huma magħluqa: jinnota li l-osservazzjoni miftuħa tirreferi għall-użu ta' persunal interim, li l-Impriża Konġunta tiġġustifika bil-limitazzjonijiet tat-tabella tal-persunal

---

kwantifikabbli huwa ta' 1 % tal-ispejjeż awditjati.

[7] Ċentru għall-Implimentazzjoni Komuni tad-DĠ RTD tal-Kummissjoni.

fissa u l-ammont ta’ xogħol ikkawżat mill-implimentazzjoni parallela tal-programmi Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa.